MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 960/2001/1

**Global Neon Signs Limited**

**vs**

**Eric Gera**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghar-rifuzjoni u hlas tas-somma ta' elfejn, disa' mija u ghoxin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm2,920.75) rapprezentanti flus li huma tal-kumpanija Global Neon Signs Limited, u dan kif jidher mill-iskrittura privata ffirmata mill-partijiet fid-9 ta' Ottubru, 2001, anness u mmarkat dokument A.

Bl-imghax legali sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta' Marzu, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------